# It-Tlieta u Tletin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*F'dak iż-żmien il-poplu tiegħek jinħeles.*

Dan 12, 1-3

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Danjel**

1F'dak iż-żmien iqum Mikiel, il-prinċep il-kbir, dak li qiegħed fuq
ulied il-poplu tiegħek.

Imbagħad jiġi żmien ta' għawġ, li qatt ma jkun deher ieħor bħalu minn mindu ġens kien ġens sa dak iż-żmien. Imma jkun żmien li fih il-poplu tiegħek jinħeles, dawk kollha li jkunu nstabu miktuba fil-ktieb.

2U ħafna minn dawk li huma rieqda fit-trab tal-art jistenbħu, min
għall-ħajja ta' dejjem u min għall-għajb u l-istmerrija għal dejjem.

3Il-bnedmin bil-għaqal ikollhom fuqhom dija bħal dik tas-sema, u
dawk li jkunu wasslu 'l ħafna fis-sewwa jkunu jiddu bħal kwiekeb
għal dejjem ta' dejjem.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 15 (16), 5.8.9-10.11

R/. (1): Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn

5 Mulej, inti s-sehem tal-wirt u r-riżq tiegħi,
inti żżomm f'idejk xortija.
8 Inżomm il-Mulej dejjem quddiemi,
għax bih f'leminti qatt ma nitħarrek. R/.

9 Hekk tifraħ qalbi u tithenna ruħi,
u ġismi wkoll jistrieħ fil-kwiet.
10 Għax int ma titlaqnix fl-imwiet,
ma tħallix il-maħbub tiegħek jara l-qabar. R/.

11 Int tgħallimni t-triq tal-ħajja;
hemm il-milja tal-ferħ quddiemek,
hemm l-għaxqa għal dejjem f'lemintek. R/.

# Qari II

*Kristu għamel perfetti għal dejjem 'il dawk li huwa jqaddes.*

Lhud 10, 11-14.18

**Qari mill-Ittra lil-Lhud**

11Kull qassis ieħor imur kuljum biex jaqdi l-ministeru tiegħu, u joffri u
jerġa' joffri l-istess sagrifiċċju, bla ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet.

12Imma Kristu, wara li offra sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet, qagħad
għal dejjem fuq in-naħa tal-lemin ta' Alla, 13fejn qiegħed jistenna
sa ma l-għedewwa tiegħu jitqiegħdu mirfes taħt riġlejh. 14Għax hu
b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes.

18Issa, fejn hemm il-maħfra tad-dnubiet, ma hemmx għalfejn issir
aktar l-offerta għad-dnubiet.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lq 21, 36

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ishru u itolbu l-ħin kollu,
biex tkunu tifilħu tgħaddu minn kull ma għandu jiġri
u tieqfu quddiem Bin il-bniedem.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Jiġbor flimkien il-maħturin tiegħu mill-erbat irjieħ.*

Mk 13, 24-32

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: [24]«Wara jiem ta' dwejjaq
kbar, ix-xemx tiddallam, il-qamar jitlef id-dija tiegħu, [25]il-kwiekeb
jibdew jaqgħu mis-sema, u l-qawwiet tas-smewwiet jitqallbu.

[26]Imbagħad jaraw lil Bin il-bniedem ġej fis-sħab b'qawwa kbira u bi
glorja. [27]U mbagħad jibgħat l-anġli biex jiġbor flimkien il-maħturin
tiegħu mill-erbat irjieħ, minn tarf l-art sa tarf is-sema.

[28]Mis-siġra tat-tin tgħallmu din il-parabbola. Meta l-fergħa tagħha
tirtab u tarmi l-weraq, intom tintebħu li s-sajf fil-qrib. [29]Hekk ukoll
meta taraw dan jiġri, kunu afu li hu fil-qrib, fil-bieb.

[30]Tassew ngħidilkom, li ma jgħaddix dan in-nisel qabel ma jiġri dan
kollu. [31]Is-sema u l-art jgħaddu, imma kliemi ma jgħaddix.

[32]Dwar dak il-jum u s-siegħa ħadd ma jaf meta se jaslu, anqas l-anġli
fis-sema, u anqas l-Iben; ħadd ħlief il-Missier.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu